Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

2025/0555(COD)

19.5.2026

EMENDI
3638 - 3792

Abbozz ta' rapport
Christian Ehler, Dan Nica
(PE784.506v01-00)

L-istabbiliment tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività (“FEK”), inkluż il-programm speċifiku għal attivitajiet ta’ riċerka u innovazzjoni fid-difiża

Proposta għal regolament
(COM(2025)0555 – 2025/0555(COD))

Emenda 3638
Christophe Grudler, Yvan Verougstraete, Morten Løkkegaard, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw il-funzjonament bla xkiel tal-azzjonijiet appoġġati taħt din it-taqsima u ***jistgħu*** jikkontribwixxu bil-kompetenza teknika, l-għarfien u l-assistenza tagħhom, b'mod partikolari fil-qasam tas-sikurezza, is-sigurtà, u l-allokazzjoni tal-frekwenza. Din il-kontribuzzjoni għandha tinkludi, iżda ma tkunx limitata għat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-Unjoni ta' data, informazzjoni, servizzi u infrastruttura fil-pussess tagħhom jew li jinsabu fit-territorju tagħhom, li huma meħtieġa għall-funzjonament tajjeb tal-azzjonijiet. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli, fil-livell lokali, għall-akkreditazzjoni tas-sigurtà tas-siti li jinsabu fit-territorju tagħhom u li jiffurmaw parti miż-żona ta' akkreditazzjoni tas-sigurtà għall-komponenti. B'mod partikolari l-Istati Membri li jipparteċipaw fis-Sħubija tal-SST għandhom iwettqu akkreditazzjoni tas-sigurtà abbażi tar-rekwiżiti ġenerali tas-sigurtà msemmija fl-Artikolu 77.	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw il-funzjonament bla xkiel tal-azzjonijiet appoġġati taħt din it-taqsima u ***għandhom*** jikkontribwixxu***, inkluż permezz tal-aġenziji spazjali nazzjonali tagħhom jew, fejn Stat Membru ma jkollux aġenzija spazjali nazzjonali, permezz tal-korp nazzjonali kompetenti maħtur minn dak l-Istat Membru*** bil-kompetenza teknika, l-għarfien u l-assistenza tagħhom, b'mod partikolari fil-qasam tas-sikurezza, is-sigurtà, u l-allokazzjoni tal-frekwenza. Din il-kontribuzzjoni għandha tinkludi, iżda ma tkunx limitata għat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-Unjoni ta' data, informazzjoni, servizzi u infrastruttura fil-pussess tagħhom jew li jinsabu fit-territorju tagħhom, li huma meħtieġa għall-funzjonament tajjeb tal-azzjonijiet. L-Istati Membri għandhom ***jagħmlu l-aktar użu wiesa' possibbli mid-data, l-informazzjoni, is-servizzi u l-kapaċitajiet ipprovduti mill-komponenti msemmija f'din it-Taqsima, b'mod partikolari meta jkunu jistgħu jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-politiki, tas-servizzi pubbliċi, tas-sigurtà, tar-reżiljenza u tal-awtonomija strateġika tal-Unjoni u nazzjonali. L-Istati Membri għandhom*** ikunu responsabbli, fil-livell lokali, għall-akkreditazzjoni tas-sigurtà tas-siti li jinsabu fit-territorju tagħhom u li jiffurmaw parti miż-żona ta' akkreditazzjoni tas-sigurtà għall-komponenti. B'mod partikolari l-Istati Membri li jipparteċipaw fis-Sħubija tal-SST għandhom iwettqu akkreditazzjoni tas-sigurtà abbażi tar-rekwiżiti ġenerali tas-sigurtà msemmija fl-Artikolu 77. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-programmi u l-kapaċitajiet spazjali***

nazzjonali tagħhom jitfasslu u jitħaddmu b'mod interoperabbli mal-komponenti msemmija f'din it-Taqsima.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-massimizzazzjoni tal-użu tas-servizzi spazjali tal-Unjoni mill-Istati Membri hija essenzjali biex id-domanda aggregata tiġi kkonsolidata, il-bażi industrijali Ewropea tissaħħaħ u l-kapaċitajiet spazjali tal-Unjoni jiġu ankrati fl-ekosistema usa' tal-politika pubblika Ewropea. L-interoperabbiltà bejn il-programmi spazjali nazzjonali u l-komponenti tal-Unjoni hija meħtieġa biex jiġu evitati d-duplikazzjoni u l-użu ħażin tar-riżorsi pubbliċi, tiġi prevenuta l-frammentazzjoni tal-ekosistema spazjali Ewropea u tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-Unjoni.

Emenda 3639
Ondřej Krutílek, Elena Donazzan

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandu jkollha r-responsabbiltà ġenerali għall-implimentazzjoni tal-komponenti msemmija f'din it-Taqsima, inkluż fil-qasam tas-sigurtà, mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-Istati Membri fil-qasam tas-sigurtà nazzjonali u tissorvelja l-implimentazzjoni tagħhom.	2. Il-Kummissjoni għandu jkollha r-responsabbiltà ġenerali għall-implimentazzjoni tal-komponenti msemmija f'din it-Taqsima, inkluż fil-qasam tas-sigurtà, mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-Istati Membri fil-qasam tas-sigurtà nazzjonali u tissorvelja l-implimentazzjoni tagħhom. ***Sabiex jiġu ottimizzati l-iskedi ta' żmien tat-twettiq, il-Kummissjoni tista' tafda xi attivitajiet lill-Aġenzija (EUSPA) li tista' tissottodelega b'mod ulterjuri lill-ESA jew lill-entitajiet nazzjonali għall-implimentazzjoni;***

Or. en

Emenda 3640
Christophe Grudler, Yvan Verougstraete, Morten Løkkegaard, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandu jkollha r-responsabbiltà ġenerali għall-implimentazzjoni ***tal-komponenti*** msemmija f'din it-Taqsima, inkluż fil-qasam tas-sigurtà, mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-Istati Membri fil-qasam tas-sigurtà nazzjonali u tissorvelja l-implimentazzjoni tagħhom.	2. Il-Kummissjoni għandu jkollha r-responsabbiltà ġenerali għall-implimentazzjoni ***tal-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-komponenti*** msemmija f'din it-Taqsima, inkluż fil-qasam tas-sigurtà, mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-Istati Membri fil-qasam tas-sigurtà nazzjonali u tissorvelja l-implimentazzjoni tagħhom.

Or. en

Emenda 3641
Christophe Grudler, Yvan Verougstraete, Morten Løkkegaard, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Aġenzija għandha taġixxi bħala l-aġenzija operazzjonali u ta' sfruttament ewlenija tal-Unjoni għall-komponenti msemmija f'din it-Taqsima, inkluż fir-rigward tas-sigurtà operazzjonali, il-kontinwità tas-servizz u l-użu mill-utenti, f'konformità mal-kompiti fdati lilha skont dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) [ir-Regolament EUSPA].

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ħatra tal-EUSPA bħala l-aġenzija operazzjonali prinċipali tiċċara t-triptiku istituzzjonali: il-Kummissjoni għad-direzzjoni politika u baġitarja, l-ESA għall-iżvilupp tekniku, l-EUSPA għall-operazzjonijiet. Din id-diviżjoni tax-xogħol tevita trikkib għali u nuqqas ta' ċarezza fir-rigward tar-responsabbiltà.

Emenda 3642
Christophe Grudler, Yvan Verougstraete, Morten Løkkegaard, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. L-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) għandha taġixxi bħala s-sieħeb tekniku prinċipali tal-Unjoni għall-iżvilupp, il-kwalifika teknika, il-validazzjoni u l-evoluzzjoni tas-sistemi spazjali relatati mal-komponenti msemmija f'din it-Taqsima, f'konformità mal-kompiti fdati lilha skont dan ir-Regolament u l-ftehimiet ta' sħubija applikabbli.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ħatra tal-EUSPA bħala l-aġenzija operazzjonali prinċipali tiċċara t-triptiku istituzzjonali: il-Kummissjoni għad-direzzjoni politika u baġitarja, l-ESA għall-iżvilupp tekniku, l-EUSPA għall-operazzjonijiet. Din id-diviżjoni tax-xogħol tevita trikkib għali u nuqqas ta' ċarezza fir-rigward tar-responsabbiltà.

Emenda 3643
Christophe Grudler, Yvan Verougstraete, Morten Løkkegaard, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2c. L-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi rilevanti oħra tal-Unjoni, u l-entitajiet fdati, inkluż l-Organizzazzjoni Ewropea għall-Esplojtazzjoni ta' Satelliti Meteoroloġiċi (EUMETSAT), l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA), l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA), iċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea (SatCen), iċ-Ċentru Ewropew għall-Previżjonijiet Metereoloġiċi fuq Perjodu Medju (ECMWF) u Mercator Ocean International (MoI), jistgħu jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-komponenti msemmija f'din it-

Taqsima f'konformità mal-għarfien espert u l-mandati rispettivi tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-aġenziji u l-entitajiet fdati rilevanti tal-Unjoni għandhom jikkontribwixxu skont il-mandati u l-għarfien espert tagħhom, u jiżguraw li l-kapaċitajiet operazzjonali speċjalizzati jintużaw bis-sħiħ.

Emenda 3644
Christophe Grudler, Yvan Verougstraete, Morten Løkkegaard, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 2d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2d. Il-Forum Ewropew tal-Aġenziji Spazjali għandu jappoġġa l-implimentazzjoni, l-evoluzzjoni u l-monitoraġġ koerenti tal-komponenti msemmija f'din it-Taqsima.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Forum Ewropew tal-Aġenziji Spazjali għandu jkun ankrat fl-arkitettura ta' governanza bħala għodda biex jiġu appoġġati l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ koerenti.

Emenda 3645
Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tiġġestixxi kwalunkwe wieħed mill-komponenti jew subkomponenti mhux fdati lil entità oħra;	(a) tiġġestixxi kwalunkwe wieħed mill-komponenti jew subkomponenti mhux fdati lil entità oħra; ***sabiex jiġu ottimizzati l-iskedi ta' żmien tat-twettiq, il-Kummissjoni tista' tafda xi attivitajiet lill-Aġenzija, li tista' tissottodelega b'mod ulterjuri lill-ESA jew lil entitajiet***

nazzjonali għall-implimentazzjoni;

Or. en

Emenda 3646
Paulius Saudargas

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tiġġestixxi kwalunkwe wieħed mill-komponenti jew subkomponenti mhux fdati lil entità oħra;	(a) tiġġestixxi kwalunkwe wieħed mill-komponenti jew subkomponenti mhux fdati lil entità oħra; ***sabiex jiġu ottimizzati l-iskedi ta' żmien tat-twettiq, il-Kummissjoni tista' tafda xi attivitajiet lill-Aġenzija, li tista' tissottodelega b'mod ulterjuri lill-ESA jew lil entitajiet nazzjonali għall-implimentazzjoni;***

Or. en

Emenda 3647
Jan Farský, Tomáš Zdechovský, Borys Budka

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tiġġestixxi kwalunkwe wieħed mill-komponenti jew subkomponenti mhux fdati lil entità oħra;	(a) tiġġestixxi kwalunkwe wieħed mill-komponenti jew subkomponenti mhux fdati lil entità oħra; ***sabiex jiġu ottimizzati l-iskedi ta' żmien tat-twettiq, il-Kummissjoni tista' tafda xi attivitajiet lill-Aġenzija, li tista' tissottodelega b'mod ulterjuri lill-ESA jew lil entitajiet nazzjonali għall-implimentazzjoni;***

Or. en

Emenda 3648
Christophe Grudler, Yvan Verougstraete, Morten Løkkegaard, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) tiddetermina l-prijoritajiet u l-evoluzzjoni fuq terminu twil ta' dawk il-komponenti, f'konformità mar-rekwiżiti tal-utenti, u għandha tissorvelja l-implimentazzjoni tagħhom.	(b) tiddetermina l-prijoritajiet u l-evoluzzjoni fuq terminu twil ta' dawk il-komponenti, f'konformità mar-rekwiżiti tal-utenti, ***filwaqt li tqis il-kontributi tal-Forum Ewropew tal-Aġenziji Spazjali,*** u għandha tissorvelja l-implimentazzjoni tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tqis l-inputs tal-Forum Ewropew tal-Aġenziji Spazjali meta tistabbilixxi l-prijoritajiet fuq terminu twil, mingħajr ma tbiddel ir-responsabbiltà tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha.

Emenda 3649
Krzysztof Hetman, Adam Jarubas, Borys Budka, Kamila Gasiuk-Pihowicz, Mirosława Nykiel

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fejn meħtieġ biex tkompli tiddefinixxi u tispeċifika l-governanza, is-sigurtà u l-forniment ta' servizzi skont dan il-kapitolu, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tikkomplementa l-katalogu tas-servizzi pprovduti u għandha tiddetermina r-rekwiżiti tekniċi u operazzjonali meħtieġa għall-implimentazzjoni u l-evoluzzjoni tal-komponenti skont dan il-kapitolu u tas-servizzi li jipprovdu wara li tkun ikkonsultat lill-utenti u lil partijiet ikkonċernati oħra. Meta tiddetermina dawk ir-rekwiżiti tekniċi u operazzjonali, il-Kummissjoni għandha tevita li tnaqqas il-livell ta' sigurtà ġenerali u għandha tissodisfa r-rekwiżiti ta'	4. Fejn meħtieġ biex tkompli tiddefinixxi u tispeċifika l-governanza, is-sigurtà u l-forniment ta' servizzi skont dan il-kapitolu, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tikkomplementa l-katalogu tas-servizzi pprovduti u għandha tiddetermina r-rekwiżiti tekniċi u operazzjonali meħtieġa għall-implimentazzjoni u l-evoluzzjoni tal-komponenti skont dan il-kapitolu u tas-servizzi li jipprovdu wara li tkun ikkonsultat lill-utenti u lil partijiet ikkonċernati oħra. Meta tiddetermina dawk ir-rekwiżiti tekniċi u operazzjonali, il-Kummissjoni għandha tevita li tnaqqas il-livell ta' sigurtà ġenerali u għandha tissodisfa r-rekwiżiti ta'

retrokompatibbiltà. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-Artikolu 83, il-paragrafu ***2***.

retrokompatibbiltà. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-Artikolu 83, il-paragrafu ***3***.

Or. en

Emenda 3650
Ondřej Krutílek

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-miżuri meħtieġa biex tiddetermina l-post tal-infrastruttura bbażata fuq l-art wara proċess miftuħ u trasparenti, li jiżgura ġestjoni finanzjarja tajba u l-protezzjoni tas-sigurtà u tal-ordni pubbliku tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-Artikolu 83, il-paragrafu ***2***.	5. Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-miżuri meħtieġa biex tiddetermina l-post tal-infrastruttura bbażata fuq l-art***, filwaqt li tqis primarjament l-attivitajiet tal-infrastrutturi tal-art eżistenti. Jekk l-infrastrutturi eżistenti ma jkunux jistgħu jakkomodaw il-funzjonijiet meħtieġa ġodda, għandha tinfetaħ proċedura tal-għażla trasparenti,*** wara proċess miftuħ u trasparenti, li jiżgura ġestjoni finanzjarja tajba u l-protezzjoni tas-sigurtà u tal-ordni pubbliku tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-Artikolu 83, il-paragrafu ***3***.

Or. en

Emenda 3651
Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-miżuri	5. Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-miżuri

meħtieġa biex tiddetermina l-post tal-infrastruttura bbażata fuq l-art wara proċess miftuħ u trasparenti, li jiżgura ġestjoni finanzjarja tajba u l-protezzjoni tas-sigurtà u tal-ordni pubbliku tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-Artikolu 83, il-paragrafu 2.	meħtieġa biex tiddetermina l-post tal-infrastruttura bbażata fuq l-art***, filwaqt li tqis primarjament l-attivitajiet tal-infrastrutturi tal-art eżistenti. Jekk l-infrastrutturi eżistenti ma jkunux jistgħu jakkomodaw il-funzjonijiet meħtieġa ġodda, għandha tinfetaħ proċedura tal-għażla trasparenti,*** wara proċess miftuħ u trasparenti, li jiżgura ġestjoni finanzjarja tajba u l-protezzjoni tas-sigurtà u tal-ordni pubbliku tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-Artikolu 83, il-paragrafu 2.

Or. en

Emenda 3652
Krzysztof Hetman, Adam Jarubas, Borys Budka, Kamila Gasiuk-Pihowicz, Mirosława Nykiel

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-miżuri meħtieġa biex tiddetermina l-post tal-infrastruttura bbażata fuq l-art wara proċess miftuħ u trasparenti, li jiżgura ġestjoni finanzjarja tajba u l-protezzjoni tas-sigurtà u tal-ordni pubbliku tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-Artikolu 83, il-paragrafu ***2***.	5. Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-miżuri meħtieġa biex tiddetermina l-post tal-infrastruttura bbażata fuq l-art wara proċess miftuħ u trasparenti, li jiżgura ġestjoni finanzjarja tajba u l-protezzjoni tas-sigurtà u tal-ordni pubbliku tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-Artikolu 83, il-paragrafu ***3***.

Or. en

Emenda 3653
Paulius Saudargas

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Aġenzija għandu jkollha l-kompiti tagħha stess u ***tista'*** tiġi fdata mill-Kummissjoni ***b'kompiti oħra*** f'konformità mar-Regolament (UE) [XXX] [ir-Regolament fundatur tal-EUSPA].	6. L-Aġenzija għandu jkollha l-kompiti tagħha stess u ***għandha*** tiġi fdata mill-Kummissjoni f'konformità mar-Regolament (UE) [XXX] [ir-Regolament fundatur tal-EUSPA] ***b'kompiti li jiżguraw l-implimentazzjoni operazzjonali, is-sigurtà u l-kontinwità tal-komponenti fl-ambitu ta' din it-Taqsima. B'mod partikolari, l-Aġenzija għandha tiżgura l-ġestjoni tal-isfruttament minn tarf sa tarf, is-sigurtà operazzjonali u ċ-ċibersigurtà, l-ittestjar u l-validazzjoni tas-sistemi kollha li joperaw, u l-konsistenza u l-kontinwità tat-twettiq tas-servizzi u l-evoluzzjonijiet tas-sistemi. L-Aġenzija għandha tiżgura wkoll l-akkomunament u l-kondiviżjoni tal-kapaċitajiet spazjali u terrestri fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari għas-servizzi governattivi fl-oqsma tal-komunikazzjoni sigura, l-osservazzjoni tad-dinja u l-Għarfien tas-Sitwazzjoni fl-Ispazju, u għandha trawwem l-adozzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u l-introduzzjoni fis-suq tad-data u s-servizzi spazjali tal-Unjoni fl-oqsma ċivili, tas-sigurtà u tad-difiża, bil-ħsieb li jissaħħu l-awtonomija strateġika, ir-reżiljenza u l-kompetittività tal-Unjoni. Xi attivitajiet fdati mill-Kummissjoni jistgħu jiġu sottodelegati mill-Aġenzija lill-ESA jew lil entitajiet nazzjonali għall-implimentazzjoni. Fit-twettiq tal-kompiti msemmija f'dan il-paragrafu, l-Aġenzija għandha tiżgura l-parteċipazzjoni effettiva ta' parteċipanti ġodda, inkluż SMEs u startups, u l-iżvilupp ta' ekosistema spazjali tal-Unjoni kompetittiva, reżiljenti u ġeografikament ibbilanċjata tul il-katina tal-provvista kollha.***

Or. en

Emenda 3654
Ondřej Krutílek, Elena Donazzan

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Aġenzija għandu jkollha l-kompiti tagħha stess u ***tista'*** tiġi fdata mill-Kummissjoni b'kompiti oħra f'konformità mar-Regolament (UE) [XXX] [ir-Regolament fundatur tal-EUSPA].	6. L-Aġenzija għandu jkollha l-kompiti tagħha stess u ***għandha*** tiġi fdata mill-Kummissjoni b'kompiti oħra f'konformità mar-Regolament (UE) [XXX] [ir-Regolament fundatur tal-EUSPA] ***biex jiġu żgurati l-implimentazzjoni operazzjonali, is-sigurtà u l-kontinwità tal-komponenti fl-ambitu ta' din it-Taqsima. B'mod partikolari, l-Aġenzija għandha tiżgura l-ġestjoni tal-isfruttament minn tarf sa tarf, is-sigurtà operazzjonali u ċ-ċibersigurtà, l-ittestjar u l-validazzjoni tas-sistemi kollha li joperaw, u l-konsistenza u l-kontinwità tat-twettiq tas-servizzi u l-evoluzzjonijiet tas-sistemi. L-Aġenzija għandha tiżgura wkoll l-akkomunament u l-kondiviżjoni tal-kapaċitajiet spazjali u terrestri fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari għas-servizzi governattivi fl-oqsma tal-komunikazzjoni sigura, l-osservazzjoni tad-dinja u l-Għarfien tas-Sitwazzjoni fl-Ispazju, u għandha trawwem l-adozzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u l-introduzzjoni fis-suq tad-data u s-servizzi spazjali tal-Unjoni fl-oqsma ċivili, tas-sigurtà u tad-difiża, bil-ħsieb li jissaħħu l-awtonomija strateġika, ir-reżiljenza u l-kompetittività tal-Unjoni. Xi attivitajiet fdati mill-Kummissjoni jistgħu jiġu sottodelegati mill-Aġenzija lill-ESA jew lil entitajiet nazzjonali għall-implimentazzjoni.*** ***Fit-twettiq tal-kompiti msemmija f'dan il-paragrafu, l-Aġenzija għandha tiżgura l-parteċipazzjoni effettiva ta' parteċipanti ġodda, inkluż SMEs u startups, u l-iżvilupp ta' ekosistema spazjali tal-Unjoni kompetittiva, reżiljenti u ġeografikament ibbilanċjata tul il-katina tal-provvista kollha.***

Or. en

Emenda 3655
Jan Farský, Tomáš Zdechovský, Borys Budka

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Aġenzija għandu jkollha l-kompiti tagħha stess u ***tista'*** tiġi fdata mill-Kummissjoni b'kompiti oħra f'konformità mar-Regolament (UE) [XXX] [ir-Regolament fundatur tal-EUSPA].	6. L-Aġenzija għandu jkollha l-kompiti tagħha stess u ***għandha*** tiġi fdata mill-Kummissjoni b'kompiti oħra f'konformità mar-Regolament (UE) [XXX] [ir-Regolament fundatur tal-EUSPA] ***b'kompiti li jiżguraw l-implimentazzjoni operazzjonali, is-sigurtà u l-kontinwità tal-komponenti fl-ambitu ta' din it-Taqsima. B'mod partikolari, l-Aġenzija għandha tiżgura l-ġestjoni tal-isfruttament minn tarf sa tarf, is-sigurtà operazzjonali u ċ-ċibersigurtà, l-ittestjar u l-validazzjoni tas-sistemi kollha li joperaw, u l-konsistenza u l-kontinwità tat-twettiq tas-servizzi u l-evoluzzjonijiet tas-sistemi. L-Aġenzija għandha tiżgura wkoll l-akkomunament u l-kondiviżjoni tal-kapaċitajiet spazjali u terrestri fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari għas-servizzi governattivi fl-oqsma tal-komunikazzjoni sigura, l-osservazzjoni tad-dinja u l-Għarfien tas-Sitwazzjoni fl-Ispazju, u għandha trawwem l-adozzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u l-introduzzjoni fis-suq tad-data u s-servizzi spazjali tal-Unjoni fl-oqsma ċivili, tas-sigurtà u tad-difiża, bil-ħsieb li jissaħħu l-awtonomija strateġika, ir-reżiljenza u l-kompetittività tal-Unjoni. Xi attivitajiet fdati mill-Kummissjoni jistgħu jiġu sottodelegati mill-Aġenzija lill-ESA jew lil entitajiet nazzjonali għall-implimentazzjoni. Fit-twettiq tal-kompiti msemmija f'dan il-paragrafu, l-Aġenzija għandha tiżgura l-parteċipazzjoni effettiva ta' parteċipanti ġodda, inkluż SMEs u startups, u l-iżvilupp ta' ekosistema spazjali tal-Unjoni kompetittiva, reżiljenti u ġeografikament ibbilanċjata tul il-katina tal-provvista kollha.***

Or. en

Emenda 3656
Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Aġenzija għandu jkollha l-kompiti tagħha stess u ***tista'*** tiġi fdata mill-Kummissjoni b'kompiti oħra f'konformità mar-Regolament (UE) [XXX] [ir-Regolament fundatur tal-EUSPA].	6. L-Aġenzija għandu jkollha l-kompiti tagħha stess u ***għandha*** tiġi fdata mill-Kummissjoni b'kompiti oħra f'konformità mar-Regolament (UE) [XXX] [ir-Regolament fundatur tal-EUSPA] ***b'kompiti li jiżguraw l-implimentazzjoni operazzjonali, is-sigurtà u l-kontinwità tal-komponenti fl-ambitu ta' din it-Taqsima. B'mod partikolari, l-Aġenzija għandha tiżgura l-ġestjoni tal-isfruttament minn tarf sa tarf, is-sigurtà operazzjonali u ċ-ċibersigurtà, l-ittestjar u l-validazzjoni tas-sistemi kollha li joperaw, u l-konsistenza u l-kontinwità tat-twettiq tas-servizzi u l-evoluzzjonijiet tas-sistemi. L-Aġenzija għandha tiżgura wkoll l-akkomunament u l-kondiviżjoni tal-kapaċitajiet spazjali u terrestri fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari għas-servizzi governattivi fl-oqsma tal-komunikazzjoni sigura, l-osservazzjoni tad-dinja u l-Għarfien tas-Sitwazzjoni fl-Ispazju, u għandha trawwem l-adozzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u l-introduzzjoni fis-suq tad-data u s-servizzi spazjali tal-Unjoni fl-oqsma ċivili, tas-sigurtà u tad-difiża, bil-ħsieb li jissaħħu l-awtonomija strateġika, ir-reżiljenza u l-kompetittività tal-Unjoni. Xi attivitajiet fdati mill-Kummissjoni jistgħu jiġu sottodelegati mill-Aġenzija lill-ESA jew lil entitajiet nazzjonali għall-implimentazzjoni.***

Or. en

Emenda 3657

Christophe Grudler, Yvan Verougstraete, Morten Løkkegaard, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Aġenzija għandu jkollha l-kompiti tagħha stess u ***tista'*** tiġi fdata mill-Kummissjoni ***b'kompiti oħra*** f'konformità mar-Regolament (UE) [XXX] [ir-Regolament fundatur tal-EUSPA].	6. L-Aġenzija għandu jkollha l-kompiti tagħha stess u ***għandha*** tiġi fdata mill-Kummissjoni f'konformità mar-Regolament (UE) [XXX] [ir-Regolament fundatur tal-EUSPA]***, b'kompiti li jiżguraw l-implimentazzjoni operazzjonali, is-sigurtà u l-kontinwità tal-komponenti fl-ambitu ta' din it-taqsima. B'mod partikolari, l-Aġenzija għandha tiżgura l-ġestjoni tal-isfruttament, is-sigurtà operazzjonali u ċ-ċibersigurtà, l-ittestjar u l-validazzjoni tas-sistemi kollha li joperaw, u l-konsistenza u l-kontinwità tat-twettiq tas-servizzi u l-evoluzzjonijiet tas-sistemi.*** ***L-Aġenzija għandha tiżgura wkoll l-akkomunament u l-kondiviżjoni tal-kapaċitajiet spazjali u terrestri fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari għas-servizzi governattivi fl-oqsma tal-komunikazzjoni sigura, l-osservazzjoni tad-dinja u l-Għarfien tas-Sitwazzjoni fl-Ispazju, u għandha trawwem l-adozzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u l-introduzzjoni fis-suq tad-data u s-servizzi spazjali tal-Unjoni, bil-ħsieb li jissaħħu l-awtonomija strateġika, ir-reżiljenza u l-kompetittività tal-Unjoni. Xi attivitajiet fdati mill-Kummissjoni jistgħu jiġu sottodelegati mill-Aġenzija lill-ESA jew lil entitajiet nazzjonali għall-implimentazzjoni.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Filwaqt li r-responsabbiltajiet dettaljati tal-EUSPA huma definiti fir-Regolament fundatur tal-EUSPA, huwa meħtieġ, għal raġunijiet ta' ċarezza u koerenza, li fir-Regolament dwar il-FEK issir referenza espliċita għall-kompiti operazzjonali ewlenin tal-Aġenzija relatati mal-implimentazzjoni, l-isfruttament, is-sigurtà u l-kontinwità tal-Programm Spazjali tal-Unjoni.

Emenda 3658
Christophe Grudler, Yvan Verougstraete, Morten Løkkegaard, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 7 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Dment li l-interessi tal-Unjoni jkunu protetti, ***l-ESA tista'*** tiġi fdata bil-kompiti li ġejjin:	7. Dment li l-interessi tal-Unjoni jkunu protetti, ***il-Kummissjoni għandha ssegwi n-negozjar ta' ftehim qafas aġġornat bejn l-Unjoni u l-Aġenzija Spazjali Ewropea li jissostitwixxi l-Ftehim Qafas iffirmat fl-2004, u l-ESA għandha*** tiġi fdata ***mill-Kummissjoni jew mill-Aġenzija*** bil-kompiti li ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Ftehim Qafas UE-ESA tal-2004 ma għadux jirrifletti l-iskala attwali u l-importanza strateġika tal-programm spazjali Ewropew u l-istat tar-relazzjoni. Ftehim qafas aġġornat huwa meħtieġ għaċ-ċertezza legali u r-responsabbiltà politika ta' inkarigi futuri lill-ESA.

Emenda 3659
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 7 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Dment li l-interessi tal-Unjoni jkunu protetti, l-ESA ***tista'*** tiġi fdata bil-kompiti li ġejjin:	7. Dment li l-interessi tal-Unjoni jkunu protetti, l-ESA ***għandha tkun l-aġenzija tar-riċerka, tat-teknoloġija, tal-iżvilupp u tal-implimentazzjoni tas-sistemi spazjali tal-Unjoni, u għandha*** tiġi fdata bil-kompiti li ġejjin:

Or. en

Emenda 3660
Julie Rechagneux, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier

Proposta għal regolament

Artikolu 75 – paragrafu 7 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Dment li l-interessi tal-Unjoni jkunu protetti, l-ESA ***tista'*** tiġi fdata bil-kompiti li ġejjin:	7. Dment li l-interessi tal-Unjoni jkunu protetti, l-ESA ***għandha tkun l-aġenzija tar-riċerka, tat-teknoloġija, tal-iżvilupp u tal-implimentazzjoni tas-sistemi spazjali tal-UE, u għandha*** tiġi fdata bil-kompiti li ġejjin:

Or. en

Emenda 3661
Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 7 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Dment li l-interessi tal-Unjoni jkunu protetti, l-ESA tista' tiġi fdata bil-kompiti li ġejjin:	7. Dment li l-interessi tal-Unjoni jkunu protetti, l-ESA tista' tiġi fdata ***mill-Kummissjoni jew mill-Aġenzija*** bil-kompiti li ġejjin:

Or. en

Emenda 3662
Paulius Saudargas

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 7 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Dment li l-interessi tal-Unjoni jkunu protetti, l-ESA tista' tiġi fdata bil-kompiti li ġejjin:	7. Dment li l-interessi tal-Unjoni jkunu protetti, l-ESA tista' tiġi fdata ***mill-Kummissjoni jew mill-Aġenzija*** bil-kompiti li ġejjin:

Or. en

Emenda 3663

Ondřej Krutílek, Elena Donazzan

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 7 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Dment li l-interessi tal-Unjoni jkunu protetti, l-ESA tista' tiġi fdata bil-kompiti li ġejjin:	7. Dment li l-interessi tal-Unjoni jkunu protetti, l-ESA ***jew l-Aġenzija*** tista' tiġi fdata ***mill-Kummissjoni*** bil-kompiti li ġejjin:

Or. en

Emenda 3664
Jan Farský, Tomáš Zdechovský, Borys Budka

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 7 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Dment li l-interessi tal-Unjoni jkunu protetti, l-ESA tista' tiġi fdata bil-kompiti li ġejjin:	7. Dment li l-interessi tal-Unjoni jkunu protetti, l-ESA tista' tiġi fdata ***mill-Kummissjoni jew mill-Aġenzija*** bil-kompiti li ġejjin:

Or. en

Emenda 3665
Julie Rechagneux, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 7 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) fir-rigward tal-PNT: l-evoluzzjoni tas-sistemi ewlenin u d-disinn u l-iżvilupp ta' partijiet tas-segment terrestri, u tas-satelliti, inklużi l-ittestjar u l-validazzjoni;	(a) fir-rigward tal-PNT: l-evoluzzjoni tas-sistemi ewlenin u d-disinn u l-iżvilupp ta' partijiet tas-segment terrestri, u tas-satelliti, inklużi l-ittestjar u l-validazzjoni***, l-awtorità tad-disinn għall-arkitettura globali tal-PNT, inkluż LEO-PNT***;

Or. en

Emenda 3666
Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 7 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) fir-rigward tal-PNT: l-evoluzzjoni tas-sistemi ***ewlenin*** u d-disinn u l-iżvilupp ta' partijiet tas-segment terrestri, u tas-satelliti, ***inklużi l-ittestjar u l-validazzjoni***;	(a) fir-rigward tal-PNT: l-evoluzzjoni ***tal-ġenerazzjonijiet futuri*** tas-sistemi u d-disinn u l-iżvilupp ta' partijiet tas-segment terrestri, u tas-satelliti, ***abbażi tal-arkitettura ta' governanza stabbilita ta' EGNOS u Galileo***;

Or. en

Emenda 3667
Paulius Saudargas

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 7 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) fir-rigward tal-PNT: l-evoluzzjoni tas-sistemi ***ewlenin*** u d-disinn u l-iżvilupp ta' partijiet tas-segment terrestri, u tas-satelliti, ***inklużi l-ittestjar u l-validazzjoni***;	(a) fir-rigward tal-PNT: l-evoluzzjoni ***tal-ġenerazzjonijiet*** tas-sistemi ***futuri*** u d-disinn u l-iżvilupp ta' partijiet tas-segment terrestri, u tas-satelliti, ***abbażi tal-arkitettura ta' governanza stabbilita ta' EGNOS u Galileo***;

Or. en

Emenda 3668
Ondřej Krutílek, Elena Donazzan

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 7 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) fir-rigward tal-PNT: l-evoluzzjoni tas-sistemi ewlenin u d-disinn u l-iżvilupp ta' partijiet tas-segment terrestri, u tas-	(a) fir-rigward tal-PNT: l-evoluzzjoni ***tal-ġenerazzjonijiet*** tas-sistemi ewlenin u d-disinn u l-iżvilupp ta' partijiet tas-

satelliti, ***inkluži l-ittestjar u l-validazzjoni***;	segment terrestri, u tas-satelliti, ***abbaži tal-arkitettura ta' governanza stabbilita ta' EGNOS u Galileo***;

Or. en

Emenda 3669
Jan Farský, Tomáš Zdechovský, Borys Budka

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 7 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) fir-rigward tal-PNT: ***l-evoluzzjoni*** tas-sistemi ***ewlenin*** u d-disinn u l-iżvilupp ta' partijiet tas-segment terrestri, u tas-satelliti***, inkluži l-ittestjar u l-validazzjoni***;	(a) fir-rigward tal-PNT: ***il-ġenerazzjonijiet*** tas-sistemi ***futuri*** u d-disinn u l-iżvilupp ta' partijiet tas-segment terrestri, u tas-satelliti;

Or. en

Emenda 3670
Christophe Grudler, Yvan Verougstraete, Morten Løkkegaard, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 7 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) fir-rigward tal-PNT: l-evoluzzjoni tas-sistemi ***ewlenin*** u d-disinn u l-iżvilupp ta' partijiet tas-segment terrestri**,** u tas-satelliti, inkluži l-ittestjar u l-validazzjoni;	(a) fir-rigward tal-PNT: l-evoluzzjoni tas-sistemi u d-disinn u l-iżvilupp ta' partijiet tas-segment terrestri u tas-satelliti, inkluži l-ittestjar u l-validazzjoni;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan ineħħi limitazzjoni bla bżonn u jirrifletti aħjar ir-rwol tal-ESA fl-evoluzzjoni, id-disinn, l-iżvilupp, l-ittestjar u l-validazzjoni tas-sistemi.

Emenda 3671
Ondřej Krutílek, Elena Donazzan

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 7 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) fir-rigward ta' Copernicus: i) il-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-komponent spazjali u l-evoluzzjoni tiegħu; ii) id-disinn, l-iżvilupp u l-kostruzzjoni tal-infrastruttura spazjali ta' Copernicus***, inklużi l-operazzjonijiet ta' dik l-infrastruttura u l-akkwist relatat, ħlief meta dawk l-operazzjonijiet isiru minn entitajiet oħra***; ***iii) fejn xieraq, l-għoti ta' aċċess għal data ta' partijiet terzi;***	(b) fir-rigward ta' Copernicus: i) il-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-komponent spazjali u l-evoluzzjoni tiegħu; ii) id-disinn, l-iżvilupp u l-kostruzzjoni tal-infrastruttura spazjali ta' Copernicus;

Or. en

Emenda 3672
Jan Farský, Tomáš Zdechovský, Borys Budka

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 7 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) fir-rigward ta' Copernicus: i) il-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-komponent spazjali u l-evoluzzjoni tiegħu; ii) id-disinn, l-iżvilupp u l-kostruzzjoni tal-infrastruttura spazjali ta' Copernicus, ***inklużi l-operazzjonijiet ta' dik l-infrastruttura u l-akkwist relatat, ħlief meta dawk l-operazzjonijiet isiru minn entitajiet oħra; iii) fejn xieraq, l-għoti ta' aċċess għal data ta' partijiet terzi;***	(b) fir-rigward ta' Copernicus: i) il-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-komponent spazjali u l-evoluzzjoni tiegħu; ii) id-disinn, l-iżvilupp u l-kostruzzjoni tal-infrastruttura spazjali ta' Copernicus,

Or. en

Emenda 3673
Paulius Saudargas

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 7 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) fir-rigward ta' Copernicus: i) il-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-komponent spazjali u l-evoluzzjoni tiegħu; ii) id-disinn, l-iżvilupp u l-kostruzzjoni tal-infrastruttura spazjali ta' Copernicus***, inkluži l-operazzjonijiet ta' dik l-infrastruttura u l-akkwist relatat, ħlief meta dawk l-operazzjonijiet isiru minn entitajiet oħra***; ***iii) fejn xieraq, l-għoti ta' aċċess għal data ta' partijiet terzi;***	(b) fir-rigward ta' Copernicus: i) il-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-komponent spazjali u l-evoluzzjoni tiegħu; ii) id-disinn, l-iżvilupp u l-kostruzzjoni tal-infrastruttura spazjali ta' Copernicus;

Or. en

Emenda 3674
Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 7 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) fir-rigward ta' Copernicus: i) il-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-komponent spazjali u l-evoluzzjoni tiegħu; ii) id-disinn, l-iżvilupp u l-kostruzzjoni tal-infrastruttura spazjali ta' Copernicus, ***inkluži l-operazzjonijiet ta' dik l-infrastruttura u l-akkwist relatat, ħlief meta dawk l-operazzjonijiet isiru minn entitajiet oħra; iii) fejn xieraq, l-għoti ta' aċċess għal data ta' partijiet terzi;***	(b) fir-rigward ta' Copernicus: i) il-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-komponent spazjali u l-evoluzzjoni tiegħu; ii) id-disinn, l-iżvilupp u l-kostruzzjoni tal-infrastruttura spazjali ta' Copernicus,

Or. en

Emenda 3675
Christophe Grudler, Yvan Verougstraete, Morten Løkkegaard, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 7 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) fir-rigward ta' Copernicus: ***i) il-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-***	(b) fir-rigward ta' Copernicus: id-disinn, l-iżvilupp***, il-validazzjoni, l-***

komponent spazjali u l-evoluzzjoni tiegħu; ii) id-disinn, l-iżvilupp ***u l-kostruzzjoni*** tal-infrastruttura spazjali ta' Copernicus, ***inklużi l-operazzjonijiet ta' dik l-infrastruttura u*** l-akkwist relatat, ***ħlief meta dawk l-operazzjonijiet isiru minn entitajiet oħra; iii)*** fejn xieraq, l-għoti ta' aċċess għal data ta' partijiet terzi;

implimentazzjoni u l-evoluzzjoni tal-infrastruttura spazjali ta' Copernicus, ***inkluż*** l-akkwist relatat, ***u*** fejn xieraq, l-għoti ta' aċċess għal data ta' partijiet terzi;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ESA hija l-aġenzija speċjalizzata għad-disinn u l-iżvilupp. L-operazzjonijiet tal-infrastruttura għandhom isiru mill-EUSPA jew minn aġenziji relatati oħra ddedikati għall-operazzjonijiet.

Emenda 3676
Christophe Grudler, Yvan Verougstraete, Morten Løkkegaard, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 7 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) fir-rigward tal-EOGS: it-tfassil u l-iżvilupp ta' missjonijiet spazjali ġodda ta' osservazzjoni tad-dinja u ta' partijiet tas-segment terrestri assoċjat;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-EOGS issa hija inkluża f'Copernicus, taħt l-isem "Servizzi Govermentali ta' Copernicus". Inkluż għall-infrastruttura.

Emenda 3677
Jan Farský, Tomáš Zdechovský, Borys Budka

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 7 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) fir-rigward tal-EOGS: it-tfassil u l-iżvilupp ta' missjonijiet spazjali ġodda ta'	(c) fir-rigward tal-EOGS: it-tfassil u l-iżvilupp ***ta' partijiet*** ta' missjonijiet spazjali

osservazzjoni tad-dinja u ta’ partijiet tas-segment terrestri assoċjat;	ġodda ta’ osservazzjoni tad-dinja u ta’ partijiet tas-segment terrestri assoċjat;

Or. en

Emenda 3678
Paulius Saudargas

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 7 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) fir-rigward tal-EOGS: it-tfassil u l-iżvilupp ta’ missjonijiet spazjali ġodda ta’ osservazzjoni tad-dinja u ta’ partijiet tas-segment terrestri assoċjat;	(c) fir-rigward tal-EOGS: it-tfassil u l-iżvilupp ***ta’ partijiet*** ta' missjonijiet spazjali ġodda ta’ osservazzjoni tad-dinja u ta’ partijiet tas-segment terrestri assoċjat;

Or. en

Emenda 3679
Ondřej Krutílek, Elena Donazzan

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 7 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) fir-rigward tal-EOGS: it-tfassil u l-iżvilupp ta’ missjonijiet spazjali ġodda ta’ osservazzjoni tad-dinja u ta’ partijiet tas-segment terrestri assoċjat;	(c) fir-rigward tal-EOGS: it-tfassil u l-iżvilupp ***ta’ partijiet*** ta' missjonijiet spazjali ġodda ta’ osservazzjoni tad-dinja u ta’ partijiet tas-segment terrestri assoċjat;

Or. en

Emenda 3680
Julie Rechagneux, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 7 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) fir-rigward***: (i) IRIS²***: is-	(d) fir-rigward ***tal-Konnettività Sigura***:

superviżjoni tal-iżvilupp, tal-validazzjoni u tal-attivitajiet ta' implimentazzjoni relatati marbuta mal-fażijiet tad-definizzjoni, tat-tfassil, tal-iżvilupp, tal-validazzjoni u tal-implimentazzjoni għas-servizzi governattivi u tal-iżvilupp u l-evoluzzjoni meħtieġa għall-forniment ta' servizzi governattivi, filwaqt li tiġi żgurata l-koordinazzjoni bejn il-kompiti u l-baġit fdati lill-ESA u l-kontribuzzjoni possibbli mill-ESA, eskluži l-ġbir flimkien u l-kondiviżjoni tal-azzjonijiet relatati msemmija fl-Artikolu 47, il-paragrafu 2, il-punt a; (ii) il-forniment tal-għarfien espert tekniku tiegħu, inkluż matul l-implimentazzjoni tal-komponenti;

is-superviżjoni tal-iżvilupp, tal-validazzjoni u tal-attivitajiet ta' implimentazzjoni relatati marbuta mal-fażijiet tad-definizzjoni, tat-tfassil, tal-iżvilupp, tal-validazzjoni u tal-implimentazzjoni għas-servizzi governattivi u tal-iżvilupp u l-evoluzzjoni meħtieġa għall-forniment ta' servizzi governattivi***, inklużi l-evoluzzjoni teknika, l-iskalabbiltà u l-interoperabbiltà tas-sistemi għal assi u servizzi bbażati fl-ispazju reżiljenti u protetti mtejba***, filwaqt li tiġi żgurata l-koordinazzjoni bejn il-kompiti u l-baġit fdati lill-ESA u l-kontribuzzjoni possibbli mill-ESA, eskluži l-ġbir flimkien u l-kondiviżjoni tal-azzjonijiet relatati msemmija fl-Artikolu 47, il-paragrafu 2, il-punt a; (ii) ***EuroQCI: l-awtorità tad-disinn, tal-iżvilupp u tal-kwalifika tas-segment spazjali; (iii)*** il-forniment tal-għarfien espert tekniku tiegħu, inkluż matul l-implimentazzjoni tal-komponenti;

Or. en

Emenda 3681
Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 7 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) fir-rigward: (i) IRIS²: is-superviżjoni tal-iżvilupp, tal-validazzjoni u tal-attivitajiet ta' implimentazzjoni relatati marbuta mal-fażijiet tad-definizzjoni, tat-tfassil, tal-iżvilupp***, tal-validazzjoni u tal-implimentazzjoni*** għas-servizzi governattivi u ***tal-iżvilupp u l-evoluzzjoni meħtieġa għall-forniment ta' servizzi governattivi,*** filwaqt li tiġi żgurata l-koordinazzjoni bejn il-kompiti u l-baġit fdati lill-ESA u l-kontribuzzjoni possibbli mill-ESA, eskluži l-ġbir flimkien u l-kondiviżjoni tal-azzjonijiet relatati msemmija fl-Artikolu 47, il-paragrafu 2, il-	(d) fir-rigward ***ta'***: (i) IRIS²: is-superviżjoni tal-iżvilupp, tal-validazzjoni u tal-attivitajiet ta' implimentazzjoni relatati marbuta mal-fażijiet tad-definizzjoni, tat-tfassil, tal-iżvilupp għas-servizzi governattivi u filwaqt li tiġi żgurata l-koordinazzjoni bejn il-kompiti u l-baġit fdati lill-ESA u l-kontribuzzjoni possibbli mill-ESA, eskluži l-ġbir flimkien u l-kondiviżjoni tal-azzjonijiet relatati msemmija fl-Artikolu 47, il-paragrafu 2, il-punt a; (ii) il-forniment tal-għarfien espert tekniku tiegħu, inkluż matul l-

punt a; (ii) il-forniment tal-għarfien espert tekniku tiegħu, inkluż matul l-implimentazzjoni tal-komponenti;

implimentazzjoni tal-komponenti;

Or. en

Emenda 3682
Jan Farský, Tomáš Zdechovský, Borys Budka

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 7 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) fir-rigward: (i) IRIS²: is-superviżjoni tal-iżvilupp, tal-validazzjoni u tal-attivitajiet ta' implimentazzjoni relatati marbuta mal-fażijiet tad-definizzjoni, tat-tfassil***,*** tal-iżvilupp***, tal-validazzjoni u tal-implimentazzjoni*** għas-servizzi governattivi u ***tal-iżvilupp u l-evoluzzjoni meħtieġa għall-forniment ta' servizzi governattivi,*** filwaqt li tiġi żgurata l-koordinazzjoni bejn il-kompiti u l-baġit fdati lill-ESA u l-kontribuzzjoni possibbli mill-ESA, eskluži l-ġbir flimkien u l-kondiviżjoni tal-azzjonijiet relatati msemmija fl-Artikolu 47, il-paragrafu 2, il-punt a; (ii) il-forniment tal-għarfien espert tekniku tiegħu, inkluż matul l-implimentazzjoni tal-komponenti;	(d) fir-rigward ***ta'***: (i) IRIS²: is-superviżjoni tal-iżvilupp, tal-validazzjoni u tal-attivitajiet ta' implimentazzjoni relatati marbuta mal-fażijiet tad-definizzjoni, tat-tfassil ***u*** tal-iżvilupp għas-servizzi governattivi u filwaqt li tiġi żgurata l-koordinazzjoni bejn il-kompiti u l-baġit fdati lill-ESA u l-kontribuzzjoni possibbli mill-ESA, eskluži l-ġbir flimkien u l-kondiviżjoni tal-azzjonijiet relatati msemmija fl-Artikolu 47, il-paragrafu 2, il-punt a; (ii) il-forniment tal-għarfien espert tekniku tiegħu, inkluż matul l-implimentazzjoni tal-komponenti;

Or. en

Emenda 3683
Paulius Saudargas

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 7 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) fir-rigward: (i) IRIS²: is-superviżjoni tal-iżvilupp, tal-validazzjoni u tal-attivitajiet ta' implimentazzjoni relatati marbuta mal-fażijiet tad-definizzjoni, tat-	(d) fir-rigward ***ta'***: (i) IRIS²: is-superviżjoni tal-iżvilupp, tal-validazzjoni u tal-attivitajiet ta' implimentazzjoni relatati marbuta mal-fażijiet tad-definizzjoni, tat-

tfassil**,** tal-iżvilupp***, tal-validazzjoni u tal-implimentazzjoni*** għas-servizzi governattivi u ***tal-iżvilupp u l-evoluzzjoni meħtieġa għall-forniment ta' servizzi governattivi,*** filwaqt li tiġi żgurata l-koordinazzjoni bejn il-kompiti u l-baġit fdati lill-ESA u l-kontribuzzjoni possibbli mill-ESA, eskluży l-ġbir flimkien u l-kondiviżjoni tal-azzjonijiet relatati msemmija fl-Artikolu 47, il-paragrafu 2, il-punt a; (ii) il-forniment tal-għarfien espert tekniku tiegħu, inkluż matul l-implimentazzjoni tal-komponenti;	tfassil ***u*** tal-iżvilupp għas-servizzi governattivi u filwaqt li tiġi żgurata l-koordinazzjoni bejn il-kompiti u l-baġit fdati lill-ESA u l-kontribuzzjoni possibbli mill-ESA, eskluży l-ġbir flimkien u l-kondiviżjoni tal-azzjonijiet relatati msemmija fl-Artikolu 47, il-paragrafu 2, il-punt a; (ii) il-forniment tal-għarfien espert tekniku tiegħu, inkluż matul l-implimentazzjoni tal-komponenti;

Or. en

Emenda 3684
Ondřej Krutílek, Elena Donazzan

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 7 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) fir-rigward: (i) IRIS²: is-superviżjoni tal-iżvilupp, tal-validazzjoni u tal-attivitajiet ta' implimentazzjoni relatati marbuta mal-fażijiet tad-definizzjoni, tat-tfassil**,** tal-iżvilupp***, tal-validazzjoni u tal-implimentazzjoni*** għas-servizzi governattivi u ***tal-iżvilupp u l-evoluzzjoni meħtieġa għall-forniment ta' servizzi governattivi,*** filwaqt li tiġi żgurata l-koordinazzjoni bejn il-kompiti u l-baġit fdati lill-ESA u l-kontribuzzjoni possibbli mill-ESA, eskluży l-ġbir flimkien u l-kondiviżjoni tal-azzjonijiet relatati msemmija fl-Artikolu 47, il-paragrafu 2, il-punt a; (ii) il-forniment tal-għarfien espert tekniku tiegħu, inkluż matul l-implimentazzjoni tal-komponenti;	(d) fir-rigward ***ta'***: (i) IRIS²: is-superviżjoni tal-iżvilupp, tal-validazzjoni u tal-attivitajiet ta' implimentazzjoni relatati marbuta mal-fażijiet tad-definizzjoni, tat-tfassil ***u*** tal-iżvilupp għas-servizzi governattivi u filwaqt li tiġi żgurata l-koordinazzjoni bejn il-kompiti u l-baġit fdati lill-ESA u l-kontribuzzjoni possibbli mill-ESA, eskluży l-ġbir flimkien u l-kondiviżjoni tal-azzjonijiet relatati msemmija fl-Artikolu 47, il-paragrafu 2, il-punt a; (ii) il-forniment tal-għarfien espert tekniku tiegħu, inkluż matul l-implimentazzjoni tal-komponenti;

Or. en

Emenda 3685
Julie Rechagneux, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 7 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) (e) fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni tal-ispazju u tal-ekonomija spazjali: l-għoti ta' għarfien espert u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi msemmija fl-Artikolu 66;

Or. en

Emenda 3686
Julie Rechagneux, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 7 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(db) (f) fir-rigward tas-sovranità teknoloġika, ir-riċerka u l-innovazzjoni: attivitajiet ta' riċerka u żvilupp upstream fil-qasam ta' għarfien espert tal-ESA, inklużi azzjonijiet speċifiċi ta' riċerka u innovazzjoni msemmija fl-Artikolu 67.2. Dan jinkludi l-ġestjoni ta' attivitajiet biex jitnaqqsu d-dipendenzi fuq teknoloġiji spazjali kritiċi mhux Ewropej u l-ġestjoni ta' attivitajiet speċifiċi relatati ma' operazzjonijiet u servizzi fl-ispazju;

Or. en

Emenda 3687
Julie Rechagneux, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 7 – punt dc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(dc) fir-rigward tal-NEO u l-SWE:
	(i) attivitajiet ta' riċerka u żvilupp

upstream u downstream;

ii) il-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-komponent spazjali u l-evoluzzjoni tiegħu;

iii) id-disinn, l-iżvilupp u l-kostruzzjoni tal-infrastruttura spazjali tat-Temp Spazjali operazzjonali, inkluż it-twettiq tal-operazzjonijiet ta' dik l-infrastruttura u l-akkwist relatat, ħlief meta dawk l-operazzjonijiet isiru minn entitajiet oħra;

(iv) it-tranżizzjoni tal-kapaċitajiet tas-servizz tat-Temp Spazjali u l-eżekuzzjoni tal-operazzjonijiet tas-servizz;

(v) l-għoti ta' aċċess għal data ta' partijiet terzi;

Or. en

Emenda 3688
Julie Rechagneux, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 7 – punt dd (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(dd) fir-rigward tal-aċċess għall-ispazju: attivitajiet imwettqa skont l-Artikolu 65.3

Or. en

Emenda 3689
Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Abbażi ta' valutazzjoni mill-Kummissjoni, l-ESA tista' tiġi fdata b'kompiti oħra abbażi tal-ħtiġijiet tal-attivitajiet taħt din it-taqsima, dment li	8. Abbażi ta' valutazzjoni mill-Kummissjoni, l-ESA tista' tiġi fdata ***mill-Kummissjoni jew l-Aġenzija*** b'kompiti oħra abbażi tal-ħtiġijiet tal-attivitajiet taħt

dawk il-kompiti ma jidduplikawx l-attivitajiet imwettqa minn entità fdata oħra u li jkollhom l-għan li jtejbu l-effiċjenza tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet tat-tieqa tal-ispazju.	din it-taqsima, dment li dawk il-kompiti ma jidduplikawx l-attivitajiet imwettqa minn entità fdata oħra u li jkollhom l-għan li jtejbu l-effiċjenza tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet tat-tieqa tal-ispazju***; dment li dawk il-kompiti ma jidduplikawx l-attivitajiet imwettqa minn entità fdata oħra u li jikkontribwixxu għall-armonizzazzjoni, l-effiċjenza u l-koerenza tal-programm spazjali tal-Unjoni; filwaqt li jiżguraw il-konformità mal-objettivi strateġiċi u l-ġestjoni operazzjonali mill-Aġenzija; u jiżguraw l-armonizzazzjoni u l-koerenza tal-għotjiet u l-kuntratti tal-industrija relatati kollha, taħt il-ġestjoni operazzjonali mill-Aġenzija***.
	Or. en

Emenda 3690
Paulius Saudargas

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Abbażi ta' valutazzjoni mill-Kummissjoni, l-ESA tista' tiġi fdata b'kompiti oħra abbażi tal-ħtiġijiet tal-attivitajiet taħt din it-taqsima, dment li dawk il-kompiti ma jidduplikawx l-attivitajiet imwettqa minn entità fdata oħra u li jkollhom l-għan li jtejbu l-effiċjenza tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet tat-tieqa tal-ispazju.	8. Abbażi ta' valutazzjoni mill-Kummissjoni, l-ESA tista' tiġi fdata ***mill-Kummissjoni jew l-Aġenzija*** b'kompiti oħra abbażi tal-ħtiġijiet tal-attivitajiet taħt din it-taqsima, dment li dawk il-kompiti ma jidduplikawx l-attivitajiet imwettqa minn entità fdata oħra u li jkollhom l-għan li jtejbu l-effiċjenza tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet tat-tieqa tal-ispazju***; dment li dawk il-kompiti ma jidduplikawx l-attivitajiet imwettqa minn entità fdata oħra u li jikkontribwixxu għall-armonizzazzjoni, l-effiċjenza u l-koerenza tal-programm spazjali tal-Unjoni; filwaqt li jiżguraw il-konformità mal-objettivi strateġiċi u l-ġestjoni operazzjonali mill-Aġenzija; u jiżguraw l-armonizzazzjoni u l-koerenza tal-għotjiet u l-kuntratti tal-industrija relatati kollha, taħt il-ġestjoni operazzjonali mill-Aġenzija***.

Or. en

Emenda 3691
Ondřej Krutílek, Elena Donazzan

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Abbażi ta' valutazzjoni mill-Kummissjoni, l-ESA tista' tiġi fdata b'kompiti oħra abbażi tal-ħtiġijiet tal-attivitajiet taħt din it-taqsima, dment li dawk il-kompiti ma jidduplikawx l-attivitajiet imwettqa minn entità fdata oħra u li jkollhom l-għan li jtejbu l-effiċjenza tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet tat-tieqa tal-ispazju**.**	8. Abbażi ta' valutazzjoni mill-Kummissjoni, l-ESA tista' tiġi fdata ***mill-Kummissjoni jew mill-Aġenzija*** b'kompiti oħra abbażi tal-ħtiġijiet tal-attivitajiet taħt din it-taqsima, dment li dawk il-kompiti ma jidduplikawx l-attivitajiet imwettqa minn entità fdata oħra u li jkollhom l-għan li jtejbu l-effiċjenza tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet tat-tieqa tal-ispazju***, dment li dawk il-kompiti ma jiddupplikawx l-attivitajiet imwettqa minn entità fdata oħra u li jikkontribwixxu għall-armonizzazzjoni, l-effiċjenza u l-koerenza tal-programm spazjali tal-Unjoni; filwaqt li jiżguraw il-konformità mal-objettivi strateġiċi u l-ġestjoni operazzjonali mill-Aġenzija; u jiżguraw l-armonizzazzjoni u l-koerenza tal-għotjiet u l-kuntratti tal-industrija relatati kollha, taħt il-ġestjoni operazzjonali mill-Aġenzija;***

Or. en

Emenda 3692
Jan Farský, Tomáš Zdechovský, Borys Budka

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Abbażi ta' valutazzjoni mill-Kummissjoni, l-ESA tista' tiġi fdata b'kompiti oħra abbażi tal-ħtiġijiet tal-attivitajiet taħt din it-taqsima, dment li dawk il-kompiti ma jidduplikawx l-	8. Abbażi ta' valutazzjoni mill-Kummissjoni, l-ESA tista' tiġi fdata ***mill-Kummissjoni jew mill-Aġenzija*** b'kompiti oħra abbażi tal-ħtiġijiet tal-attivitajiet taħt din it-taqsima, dment li dawk il-kompiti ma

attivitajiet imwettqa minn entità fdata oħra u li jkollhom l-għan li jtejbu l-effiċjenza tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet tat-tieqa tal-ispazju**.**	jidduplikawx l-attivitajiet imwettqa minn entità fdata oħra u li jkollhom l-għan li jtejbu l-effiċjenza tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet tat-tieqa tal-ispazju***, dment li dawk il-kompiti ma jidduplikawx l-attivitajiet imwettqa minn entità fdata oħra u li jikkontribwixxu għall-armonizzazzjoni, l-effiċjenza u l-koerenza tal-programm spazjali tal-Unjoni; filwaqt li jiżguraw il-konformità mal-objettivi strateġiċi u l-ġestjoni operazzjonali mill-Aġenzija; u jiżguraw l-armonizzazzjoni u l-koerenza tal-għotjiet u l-kuntratti tal-industrija relatati kollha, taħt il-ġestjoni operazzjonali mill-Aġenzija;***

Or. en

Emenda 3693
Christophe Grudler, Yvan Verougstraete, Morten Løkkegaard, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Abbażi ta' valutazzjoni mill-Kummissjoni, l-ESA tista' tiġi fdata b'kompiti oħra abbażi tal-ħtiġijiet tal-attivitajiet taħt din it-taqsima, dment li dawk il-kompiti ma jidduplikawx l-attivitajiet imwettqa minn entità fdata oħra u li jkollhom l-għan li jtejbu l-effiċjenza tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet tat-tieqa tal-ispazju.	8. Abbażi ta' valutazzjoni mill-Kummissjoni, l-ESA tista' tiġi fdata ***mill-Kummissjoni jew mill-Aġenzija*** b'kompiti oħra abbażi tal-ħtiġijiet tal-attivitajiet taħt din it-taqsima, dment li dawk il-kompiti ma jidduplikawx l-attivitajiet imwettqa minn entità fdata oħra u li jkollhom l-għan li jtejbu l-effiċjenza tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet tat-tieqa tal-ispazju.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-inkarigi lill-ESA għandhom ikunu possibbli jew direttament mill-Kummissjoni jew permezz tal-Aġenzija, dment li r-responsabbiltajiet jibqgħu ċari u tiġi evitata d-duplikazzjoni.

Emenda 3694
Christophe Grudler, Yvan Verougstraete, Morten Løkkegaard, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8a. L-ESA għandha tfittex li tistabbilixxi, fi ħdan l-organizzazzjoni interna tagħha, kamra tal-Unjoni ddedikata għall-implimentazzjoni tal-komponenti msemmija f'din it-Taqsima, b'separazzjoni finanzjarja xierqa u b'rappurtar lill-Kummissjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kamra ddedikata tal-Unjoni fi ħdan l-ESA ttejjeb it-trasparenza, is-separazzjoni finanzjarja u r-responsabbiltà għall-attivitajiet iffinanzjati mill-UE.

Emenda 3695
Christophe Grudler, Yvan Verougstraete, Morten Løkkegaard, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Dment li l-interessi tal-Unjoni jkunu protetti, il-Kummissjoni tista' wkoll tafda, kompletament jew parzjalment, kompiti biex timplimenta l-komponenti appoġġati skont din it-taqsima lil entitajiet rilevanti, ***bħall-Organizzazzjoni Ewropea għall-Esplojtazzjoni ta' Satelliti Meteoroloġiċi, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, iċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea, iċ-Ċentru Ewropew għall-Previżjonijiet Meteoroloġiċi fuq Perjodu Medju, u [iċ-Ċentru Internazzjonali Mercator għall-Oċean].***	9. Dment li l-interessi tal-Unjoni jkunu protetti, il-Kummissjoni tista' wkoll tafda, kompletament jew parzjalment, kompiti biex timplimenta l-komponenti appoġġati skont din it-taqsima lil entitajiet rilevanti, ***inkluż:***
	a. l-Organizzazzjoni Ewropea għall-Esplojtazzjoni ta' Satelliti Meteoroloġiċi (EUMETSAT), b'mod partikolari għall-operazzjoni tal-infrastruttura u l-

missjonijiet spazjali ta' Copernicus, l-operazzjoni ta' missjonijiet ta' monitoraġġ meteoroloġiku u tal-oċeani, u l-ipproċessar u d-disseminazzjoni ta' data, prodotti u informazzjoni relatati;

iċ-Ċentru Ewropew għall-Previżjonijiet Meteoroloġiċi fuq Perjodu Medju (ECMWF), b'mod partikolari għall-monitoraġġ tal-atmosfera, il-monitoraġġ tat-tibdil fil-klima, it-tbassir, l-analiżi mill-ġdid u s-servizzi tal-ipproċessar tad-data relatati;

b. iċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea (SatCen), b'mod partikolari għall-analiżi ġeospazjali, l-appoġġ għall-kompiti operazzjonali, il-ġestjoni, il-prijoritizzazzjoni operazzjonali, l-anonimizzazzjoni u l-ġenerazzjoni u t-twassil ta' prodotti u informazzjoni b'valur miżjud għas-sigurtà, id-difiża u l-applikazzjonijiet ta' azzjoni esterna, inkluż taħt is-Servizzi Governattivi ta' Copernicus u s-Servizzi ta' Sigurtà ta' Copernicus;is-SATCEN għandu jaġixxi bħala l-interfaċċa operazzjonali ċentrali għall-ġbir u l-prijoritizzazzjoni tat-talbiet mill-utenti awtorizzati mill-gvernijiet skont is-Servizzi Governattivi ta' Copernicus, inkluż fir-rigward tal-oqsma ta' interess, l-ippjanar tal-ġbir, il-ġenerazzjoni tal-prodotti u r-rekwiżiti analitiċi;

c. Mercator Ocean International (MOI), b'mod partikolari għas-servizzi ta' monitoraġġ tal-ambjent tal-baħar, l-ipproċessar tad-data dwar l-oċeani, it-tbassir, l-immudellar u d-disseminazzjoni ta' data, prodotti u informazzjoni marini.

d. l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA), b'mod partikolari għall-monitoraġġ ambjentali, ir-rappurtar, l-assigurazzjoni tal-konformità, il-monitoraġġ tal-art, il-bijodiversità, l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-adozzjoni tad-data, tal-prodotti u tal-informazzjoni ta' Copernicus mill-awtoritajiet pubbliċi;

	e. l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), b'mod partikolari għar-rekwiżiti tal-utenti, l-adozzjoni operazzjonali u l-appoġġ għal servizzi relatati mas-sorveljanza tal-fruntieri u l-għarfien tas-sitwazzjoni fil-fruntieri esterni tal-Unjoni;
	f. l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA), b'mod partikolari għar-rekwiżiti tal-utenti, l-adozzjoni operazzjonali u l-appoġġ għas-servizzi relatati mas-sorveljanza marittima, is-sikurezza marittima, il-monitoraġġ tat-tniġġis u l-protezzjoni tal-infrastruttura marittima kritika;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-entitajiet fdati b'responsabbiltajiet operazzjonali għandhom jiġu ppreżentati kif xieraq, filwaqt li jiġu rispettati l-mandati tagħhom u jiġu evitati d-duplikazzjonijiet.

Emenda 3696
Ondřej Krutílek, Elena Donazzan

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Dment li l-interessi tal-Unjoni jkunu protetti, il-Kummissjoni ***tista' wkoll tafda***, kompletament jew parzjalment, kompiti biex timplimenta l-komponenti appoġġati skont din it-taqsima lil entitajiet rilevanti, bħall-Organizzazzjoni Ewropea għall-Esplojtazzjoni ta' Satelliti Meteoroloġiċi, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, iċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea, iċ-Ċentru Ewropew għall-Previżjonijiet Meteoroloġiċi fuq Perjodu Medju, u [iċ-Ċentru Internazzjonali Mercator għall-Oċean].	9. Dment li l-interessi tal-Unjoni jkunu protetti, il-Kummissjoni ***jew l-Aġenzija jistgħu jafdaw ukoll***, kompletament jew parzjalment, kompiti biex timplimenta l-komponenti appoġġati skont din it-taqsima lil entitajiet rilevanti, bħall-Organizzazzjoni Ewropea għall-Esplojtazzjoni ta' Satelliti Meteoroloġiċi, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, iċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea, iċ-Ċentru Ewropew għall-Previżjonijiet Meteoroloġiċi fuq Perjodu Medju, u [iċ-Ċentru Internazzjonali Mercator għall-

Oċean].

Or. en

Emenda 3697
Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Dment li l-interessi tal-Unjoni jkunu protetti, il-Kummissjoni ***tista' wkoll tafda***, kompletament jew parzjalment, kompiti biex timplimenta l-komponenti appoġġati skont din it-taqsima lil entitajiet rilevanti, bħall-Organizzazzjoni Ewropea għall-Esplojtazzjoni ta' Satelliti Meteoroloġiċi, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, iċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea, iċ-Ċentru Ewropew għall-Previżjonijiet Meteoroloġiċi fuq Perjodu Medju, u [iċ-Ċentru Internazzjonali Mercator għall-Oċean].	9. Dment li l-interessi tal-Unjoni jkunu protetti, il-Kummissjoni ***jew l-Aġenzija jistgħu jafdaw ukoll***, kompletament jew parzjalment, kompiti biex timplimenta l-komponenti appoġġati skont din it-taqsima lil entitajiet rilevanti, bħall-Organizzazzjoni Ewropea għall-Esplojtazzjoni ta' Satelliti Meteoroloġiċi, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, iċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea, iċ-Ċentru Ewropew għall-Previżjonijiet Meteoroloġiċi fuq Perjodu Medju, u [iċ-Ċentru Internazzjonali Mercator għall-Oċean].

Or. en

Emenda 3698
Paulius Saudargas

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Dment li l-interessi tal-Unjoni jkunu protetti, ***il-Kummissjoni tista' wkoll tafda, kompletament jew parzjalment, kompiti biex timplimenta l-komponenti appoġġati skont din it-taqsima lil*** entitajiet rilevanti, bħall-Organizzazzjoni Ewropea	9. Dment li l-interessi tal-Unjoni jkunu protetti, entitajiet rilevanti, bħall-Organizzazzjoni Ewropea għall-Esplojtazzjoni ta' Satelliti Meteoroloġiċi, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-

għall-Esplojtazzjoni ta' Satelliti Meteoroloġiċi, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, iċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea, iċ-Ċentru Ewropew għall-Previżjonijiet Meteoroloġiċi fuq Perjodu Medju, u [iċ-Ċentru Internazzjonali Mercator għall-Oċean].

Fruntiera u tal-Kosta, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, iċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea, iċ-Ċentru Ewropew għall-Previżjonijiet Meteoroloġiċi fuq Perjodu Medju, u [iċ-Ċentru Internazzjonali Mercator għall-Oċean]***, jistgħu jiġu fdati, kompletament jew parzjalment, b'kompiti biex jimplimentaw il-komponenti appoġġati taħt din it-taqsima***.

Or. en

Emenda 3699
Jan Farský, Tomáš Zdechovský, Borys Budka

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Dment li l-interessi tal-Unjoni jkunu protetti, ***il-Kummissjoni tista' wkoll tafda, kompletament jew parzjalment, kompiti biex timplimenta l-komponenti appoġġati skont din it-taqsima lil*** entitajiet ***rilevanti,*** bħall-Organizzazzjoni Ewropea għall-Esplojtazzjoni ta' Satelliti Meteoroloġiċi, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, iċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea, iċ-Ċentru Ewropew għall-Previżjonijiet Meteoroloġiċi fuq Perjodu Medju, u [iċ-Ċentru Internazzjonali Mercator għall-Oċean].	9. Dment li l-interessi tal-Unjoni jkunu protetti, entitajiet bħall-Organizzazzjoni Ewropea għall-Esplojtazzjoni ta' Satelliti Meteoroloġiċi, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, iċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea, iċ-Ċentru Ewropew għall-Previżjonijiet Meteoroloġiċi fuq Perjodu Medju, u [iċ-Ċentru Internazzjonali Mercator għall-Oċean]***, jistgħu jiġu fdati, kompletament jew parzjalment, b'kompiti biex jimplimentaw il-komponenti appoġġati taħt din it-taqsima***.

Or. en

Emenda 3700
Christophe Grudler, Yvan Verougstraete, Morten Løkkegaard, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 75a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 75a
	Forum Ewropew tal-Aġenziji Spazjali
	1. B'dan qed jiġi stabbilit Forum Ewropew tal-Aġenziji Spazjali.
	2. Il-Forum għandu jkun magħmul mill-Aġenzija, l-Aġenzija Spazjali Ewropea, u l-aġenziji spazjali nazzjonali tal-Istati Membri jew, fejn Stat Membru ma jkollux aġenzija spazjali nazzjonali, il-korp nazzjonali kompetenti maħtur minn dak l-Istat Membru. Entitajiet fdati oħra involuti fl-implimentazzjoni tal-komponenti msemmija f'din it-Taqsima jistgħu jipparteċipaw fejn ikun rilevanti.
	3. L-aġenziji spazjali nazzjonali jew il-korpi nazzjonali kompetenti tal-pajjiżi tal-EFTA jistgħu jipparteċipaw fil-Forum meta ftehim konkluż bejn l-Unjoni u l-pajjiż ikkonċernat jipprevedi tali parteċipazzjoni fil-komponenti jew fl-attivitajiet rilevanti.
	4. Il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali għandhom ikunu intitolati jaħtru rappreżentanti biex jipparteċipaw fil-Forum bħala osservaturi.
	5. Il-Forum għandu jikkontribwixxi għall-identifikazzjoni, l-aggregazzjoni u l-iskambju tal-ħtiġijiet operazzjonali, tekniċi, industrijali u tal-utenti rilevanti għall-implimentazzjoni u l-evoluzzjoni tal-komponenti msemmija f'din it-Taqsima. Dan għandu jiffaċilita l-koordinazzjoni bejn l-entitajiet involuti fl-implimentazzjoni ta' dawk il-komponenti u jappoġġa l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħhom, inkluż fir-rigward tal-kontinwità tas-servizz, il-prestazzjoni, ir-riskji, il-lakuni fil-kapaċità u l-ħtiġijiet futuri.
	6. Il-Forum għandu jidentifika modi kif isaħħaħ is-sinerġiji, jiġbor flimkien ir-riżorsi, jevita d-duplikazzjoni u jtejjeb il-kooperazzjoni bejn l-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 2, inkluża l-possibbiltà ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib,

konsolidazzjoni jew razzjonalizzazzjoni tal-istrutturi eżistenti.

7. Il-Forum jista' jipprovdi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni. Dawk ir-rakkomandazzjonijiet għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni, l-Istati Membri, l-Aġenzija, l-Aġenzija Spazjali Ewropea u entitajiet fdati oħra skont dan ir-Regolament, u ma għandhomx jaffettwaw il-proċedura ta' kumitat imsemmija fl-Artikolu 83.

8. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi s-segretarjat tal-Forum. Il-Forum għandu jiltaqa' mill-inqas darbtejn fis-sena u kull meta jkun meħtieġ fuq talba tal-Kummissjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din iż-żieda tindirizza waħda mid-dgħufijiet ewlenin tal-governanza spazjali Ewropea: il-frammentazzjoni bejn l-Unjoni, l-ESA u l-atturi nazzjonali. Bil-ħolqien ta' Forum Ewropew tal-Aġenziji Spazjali tiġi pprovduta struttura permanenti biex jiġu identifikati l-ħtiġijiet komuni, tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni, jiġu antiċipati l-lakuni fil-kapaċitajiet u tittejjeb il-koordinazzjoni bejn l-aġenziji. Dan isaħħaħ il-koerenza u l-effiċjenza tal-Programm Spazjali tal-Unjoni, filwaqt li jevita d-duplikazzjoni u jippreserva r-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni, tal-Istati Membri u tal-aġenziji fdati.

Emenda 3701
Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 77 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) kontinwità tas-servizz u kontinwità tal-infrastruttura meħtieġa, inkluża l-protezzjoni minn theddid rilevanti;	(e) kontinwità tas-servizz u kontinwità tal-infrastruttura meħtieġa, inkluża l-protezzjoni minn theddid rilevanti***, b'attenzjoni partikolari għar-riskji fil-qasam taċ-ċibersigurtà***;

Or. en

Emenda 3702
Paulius Saudargas

Proposta għal regolament
Artikolu 77 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) kontinwità tas-servizz u kontinwità tal-infrastruttura meħtieġa, inkluża l-protezzjoni minn theddid rilevanti;	(e) kontinwità tas-servizz u kontinwità tal-infrastruttura meħtieġa, inkluża l-protezzjoni minn theddid rilevanti***, b'attenzjoni partikolari għar-riskji fil-qasam taċ-ċibersigurtà***;

Or. en

Emenda 3703
Ondřej Krutílek, Elena Donazzan

Proposta għal regolament
Artikolu 77 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) kontinwità tas-servizz u ***kontinwità*** tal-infrastruttura meħtieġa, inkluża l-protezzjoni minn theddid rilevanti;	(e) kontinwità tas-servizz u ***l-kontinwità*** tal-infrastruttura meħtieġa, inkluża l-protezzjoni minn theddid rilevanti***, b'attenzjoni partikolari għar-riskji fil-qasam taċ-ċibersigurtà***;

Or. en

Emenda 3704
Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 77 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) sforzi kostanti biex ***r-riskji*** jiġu kkontrollati u jitnaqqsu.	(g) sforzi kostanti biex ***ir-riskji*** jiġu kkontrollati u jitnaqqsu ***permezz tal-ġestjoni tal-inċidenti tas-sigurtà, il-monitoraġġ tas-sigurtà tal-vulnerabbiltajiet tal-infrastruttura kollha tal-komponenti spazjali kollha tal-UE*** .

Or. en

Emenda 3705
Ondřej Krutílek, Elena Donazzan

Proposta għal regolament
Artikolu 77 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) sforzi kostanti biex ***r-riskji*** jiġu kkontrollati u jitnaqqsu.	(g) sforzi kostanti biex ***ir-riskji*** jiġu kkontrollati u jitnaqqsu ***permezz tal-ġestjoni tal-inċidenti tas-sigurtà u l-monitoraġġ tas-sigurtà tal-vulnerabbiltajiet tal-infrastruttura kollha tal-komponenti spazjali kollha tal-UE***.

Or. en

Emenda 3706
Paulius Saudargas

Proposta għal regolament
Artikolu 77 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) sforzi kostanti biex ***r-riskji*** jiġu kkontrollati u jitnaqqsu.	(g) sforzi kostanti biex ***ir-riskji*** jiġu kkontrollati u jitnaqqsu ***permezz tal-ġestjoni tal-inċidenti tas-sigurtà, il-monitoraġġ tas-sigurtà tal-vulnerabbiltajiet tal-infrastruttura kollha tal-komponenti spazjali kollha tal-UE***.

Or. en

Emenda 3707
Marc Botenga

Proposta għal regolament
Artikolu 77 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(ga) il-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (DNSH)

Or. en

Emenda 3708
Ondřej Krutílek, Elena Donazzan

Proposta għal regolament
Artikolu 77 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-iżgurar li l-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà stabbilit bir-Regolament (UE) [XXX] [ir-Regolament fundatur tal-EUSPA] iwettaq il-kompiti tiegħu mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni jew għal dawk l-entitajiet fdati, u mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri fir-rigward tal-akkreditazzjoni tas-sigurtà;	(e) l-iżgurar li l-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà stabbilit bir-Regolament (UE) [XXX] [ir-Regolament fundatur tal-EUSPA]***, filwaqt li jiddependi fuq l-opinjonijiet formali ta' esperti nazzjonali indipendenti biex jivvaluta l-avvanz tal-Programm,*** iwettaq il-kompiti tiegħu mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni jew għal dawk l-entitajiet fdati, u mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri fir-rigward tal-akkreditazzjoni tas-sigurtà;

Or. en

Emenda 3709
Paulius Saudargas

Proposta għal regolament
Artikolu 77 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-iżgurar li l-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà stabbilit bir-Regolament (UE) [XXX] [ir-Regolament fundatur tal-EUSPA] iwettaq il-kompiti tiegħu mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni jew għal dawk l-entitajiet fdati, u mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri fir-rigward tal-akkreditazzjoni tas-	(e) l-iżgurar li l-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà***, filwaqt li jiddependi fuq l-opinjonijiet formali ta' esperti nazzjonali indipendenti biex jivvaluta l-avvanz tal-Programm*** stabbilit bir-Regolament (UE) [XXX] [ir-Regolament fundatur tal-EUSPA]**,** iwettaq il-kompiti tiegħu mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni

sigurtà;	jew għal dawk l-entitajiet fdati, u mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri fir-rigward tal-akkreditazzjoni tas-sigurtà;

Or. en

Emenda 3710
Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 77 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-iżgurar li l-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà stabbilit bir-Regolament (UE) [XXX] [ir-Regolament fundatur tal-EUSPA] iwettaq il-kompiti tiegħu mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni jew għal dawk l-entitajiet fdati, u mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri fir-rigward tal-akkreditazzjoni tas-sigurtà;	(e) l-iżgurar li l-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà***, filwaqt li jiddependi fuq l-opinjonijiet formali ta' esperti nazzjonali indipendenti biex jivvaluta l-avvanz tal-Programm*** stabbilit bir-Regolament (UE) [XXX] [ir-Regolament fundatur tal-EUSPA]**,** iwettaq il-kompiti tiegħu mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni jew għal dawk l-entitajiet fdati, u mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri fir-rigward tal-akkreditazzjoni tas-sigurtà;

Or. en

Emenda 3711
Paulius Saudargas

Proposta għal regolament
Artikolu 77 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) ***Id-deċiżjonijiet*** dwar l-akkreditazzjoni tas-sigurtà, kif ukoll ir-riskji residwi identifikati, għandhom jiġu kkomunikati mill-Kummissjoni lill-Kunsill għall-informazzjoni. Il-Kummissjoni tista' tadotta kwalunkwe miżura adegwata f'konformità ma' dan ir-Regolament;	(f) ***L-opinjonijiet formali*** dwar l-akkreditazzjoni tas-sigurtà, kif ukoll ir-riskji residwi identifikati, għandhom jiġu kkomunikati mill-Kummissjoni lill-Kunsill għall-informazzjoni***, filwaqt li t-tehid tad-deċiżjonijiet jibqa' f'idejn il-Kummissjoni***. Il-Kummissjoni tista' tadotta kwalunkwe

	miżura adegwata f'konformità ma' dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 3712
Ondřej Krutílek, Elena Donazzan

Proposta għal regolament
Artikolu 77 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) ***Id-deċiżjonijiet*** dwar l-akkreditazzjoni tas-sigurtà, kif ukoll ir-riskji residwi identifikati, għandhom jiġu kkomunikati mill-Kummissjoni lill-Kunsill għall-informazzjoni. Il-Kummissjoni tista' tadotta kwalunkwe miżura adegwata f'konformità ma' dan ir-Regolament;	(f) ***L-opinjonijiet formali*** dwar l-akkreditazzjoni tas-sigurtà, kif ukoll ir-riskji residwi identifikati, għandhom jiġu kkomunikati mill-Kummissjoni lill-Kunsill għall-informazzjoni ***filwaqt li t-teħid tad-deċiżjonijiet jibqa' f'idejn il-Kummissjoni***. Il-Kummissjoni tista' tadotta kwalunkwe miżura adegwata f'konformità ma' dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 3713
Ondřej Krutílek, Elena Donazzan

Proposta għal regolament
Artikolu 77 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) l-istabbiliment ta' struttura għall-koordinazzjoni tal-operazzjonijiet tas-servizzi governattivi tal-komponenti differenti mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ***jew l-entitajiet*** nazzjonali maħtura għall-komponent rilevanti.	(g) l-istabbiliment ta' struttura ***operazzjonali*** għall-koordinazzjoni tal-operazzjonijiet tas-servizzi governattivi tal-komponenti differenti mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ***u r-rappreżentanti*** nazzjonali ***tal-entitajiet*** maħtura għall-komponent rilevanti***, mingħajr preġudizzju għall-kompiti u r-responsabbiltajiet tal-entità fdata bir-responsabbiltà għal tali operazzjonijiet***.

Or. en

Emenda 3714
Paulius Saudargas

Proposta għal regolament
Artikolu 77 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) l-istabbiliment ta' struttura għall-koordinazzjoni tal-operazzjonijiet tas-servizzi governattivi tal-komponenti differenti mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ***jew l-entitajiet*** nazzjonali maħtura ***għall-komponent*** rilevanti**.**	(g) l-istabbiliment ta' struttura ***operazzjonali*** għall-koordinazzjoni tal-operazzjonijiet tas-servizzi governattivi tal-komponenti differenti mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ***u r-rappreżentanti*** nazzjonali maħtura ***tal-komponent*** rilevanti***, mingħajr preġudizzju għall-kompiti u r-responsabbiltajiet tal-entità fdata bir-responsabbiltà għal tali operazzjonijiet;***

Or. en

Emenda 3715
Ondřej Krutílek, Elena Donazzan

Proposta għal regolament
Artikolu 77 – paragrafu 2 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) l-implimentazzjoni tal-istruttura tal-monitoraġġ tas-sigurtà għall-komponenti spazjali rilevanti kollha tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 3716
Paulius Saudargas

Proposta għal regolament
Artikolu 77 – paragrafu 2 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(ga) l-implimentazzjoni tal-istruttura tal-monitoraġġ tas-sigurtà għall-komponenti spazjali rilevanti kollha tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 3717
Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 77 – paragrafu 2 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) l-implimentazzjoni tal-istruttura tal-monitoraġġ tas-sigurtà għall-komponenti spazjali rilevanti kollha tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 3718
Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 77 – paragrafu 2 – punt gb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(gb) l-integrazzjoni tal-miżuri taċ-ċibersigurtà fil-"Qafas tal-Unjoni għall-Protezzjoni tal-Infrastruttura Spazjali", filwaqt li jiġu żgurati s-sigurtà operazzjonali transsettorjali, il-monitoraġġ tal-vulnerabbiltà, ir-rispons għall-inċidenti, u tiġi evitata d-duplikazzjoni tar-responsabbiltajiet.

Or. en

Emenda 3719
Ondřej Krutílek, Elena Donazzan

Proposta għal regolament
Artikolu 77 – paragrafu 2 – punt gb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(gb) l-integrazzjoni tal-miżuri taċ-ċibersigurtà fil-"Qafas tal-Unjoni għall-Protezzjoni tal-Infrastruttura Spazjali", filwaqt li jiġu żgurati s-sigurtà operazzjonali transsettorjali, il-monitoraġġ tal-vulnerabbiltà, ir-rispons għall-inċidenti, u tiġi evitata d-duplikazzjoni tar-responsabbiltajiet.

Or. en

Emenda 3720
Paulius Saudargas

Proposta għal regolament
Artikolu 77 – paragrafu 2 – punt gb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(gb) l-integrazzjoni tal-miżuri taċ-ċibersigurtà fil-"Qafas tal-Unjoni għall-Protezzjoni tal-Infrastruttura Spazjali", filwaqt li jiġu żgurati s-sigurtà operazzjonali transsettorjali, il-monitoraġġ tal-vulnerabbiltà, ir-rispons għall-inċidenti, u tiġi evitata d-duplikazzjoni tar-responsabbiltajiet.

Or. en

Emenda 3721
Yvan Verougstraete, Morten Løkkegaard, Christophe Grudler, Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament
Artikolu 79 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-azzjonijiet appoġġati taħt din it-taqsima għandhom jikkontribwixxu għall-	1. L-azzjonijiet appoġġati taħt din it-taqsima għandhom jikkontribwixxu għall-

objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 3(1) u l-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu ***3(2), il-punt (f)***.	objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 3(1) u l-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu ***3(5)***.

Or. en

Emenda 3722
Jüri Ratas, Riho Terras, Sven Mikser, Tobias Cremer

Proposta għal regolament
Artikolu 80 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-appoġġ għall-politika tal-industrija tas-sigurtà ċivili ***għandu jindirizza*** b'mod partikolari ***l-oqsma ta' applikazzjoni*** li ġejjin:	1. L-appoġġ għall-politika tal-industrija tas-sigurtà ċivili ***u ż-żieda tar-reżiljenza tal-infrastruttura kritika għandhom jiġu segwiti*** b'mod partikolari ***permezz tal-attivitajiet*** li ġejjin:

Or. en

Emenda 3723
Bruno Tobback, Thomas Pellerin-Carlin, Yannis Maniatis, Nicolás González Casares

Proposta għal regolament
Artikolu 80 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Is-sigurtà u r-reżiljenza tal-infrastrutturi ċivili kritiċi, b'mod partikolari kontra ***t-theddid*** ibridu;	(a) Is-sigurtà u r-reżiljenza tal-infrastrutturi ċivili kritiċi, b'mod partikolari ***l-grilji tal-elettriku, is-substazzjonijiet, il-ġenerazzjoni u l-ħżin mhux fossili*** kontra ***theddid*** ibridu***, klimatiku u ċibernetiku, li l-implimentazzjoni u l-aġġornament tagħhom għandhom jitqiesu bħala ta' użu doppju u jinkludu investimenti fil-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli deċentralizzata u l-ħżin mhux fossili, l-immodernizzar u l-iżgurar tal-grilji tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni u tas-substazzjonijiet, kif ukoll soluzzjonijiet mingħajr fili li jipprovdu lis-sistema bi flessibbiltà addizzjonali li tikkontribwixxi***

għal robustezza addizzjonali f'każ ta' attakki jew tfixkil mhux previst;

Or. en

Emenda 3724
Jüri Ratas, Riho Terras, Sven Mikser, Tobias Cremer

Proposta għal regolament
Artikolu 80 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Is-sigurtà u r-reżiljenza tal-infrastrutturi ċivili kritiċi, b'mod partikolari kontra t-theddid ibridu;	(a) Is-sigurtà u r-reżiljenza tal-infrastrutturi ċivili kritiċi, b'mod partikolari kontra t-theddid ibridu***, it-theddid fiżiku u ċibernetiku, inklużi xogħlijiet relatati mal-protezzjoni, il-monitoraġġ u l-kapaċitajiet ta' tiswija li jinkludu teknoloġiji ġodda u maturi***;

Or. en

Emenda 3725
Yvan Verougstraete, Stine Bosse, Sigrid Friis, Morten Løkkegaard, Christophe Grudler, Oihane Agirregoitia Martínez, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 80 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Is-sigurtà u r-reżiljenza tal-infrastrutturi ċivili kritiċi, b'mod partikolari kontra t-theddid ibridu;	(a) Is-sigurtà u r-reżiljenza tal-infrastrutturi ċivili kritiċi, b'mod partikolari ***l-infrastruttura tal-enerġija bħall-grilji tal-elettriku, is-substazzjonijiet, il-ġenerazzjoni u l-ħżin*** kontra t-theddid ***klimatiku, ċibernetiku jew*** ibridu;

Or. en

Emenda 3726
Mohammed Chahim, Sérgio Gonçalves

Proposta għal regolament
Artikolu 80 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Is-sigurtà u r-reżiljenza tal-infrastrutturi ċivili kritiċi, b'mod partikolari kontra t-theddid ibridu;	(a) Is-sigurtà u r-reżiljenza tal-infrastrutturi ċivili kritiċi ***(eż. l-infrastruttura tal-ġestjoni tal-ajruporti u tat-traffiku tal-ajru (ATM)***, b'mod partikolari kontra t-theddid ibridu;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda kienet parti mill-Emendi ta' Kompromess innegozjati fil-kuntest tal-Opinjoni tal-Kumitat TRAN.

Emenda 3727
Isabelle Le Callennec, François-Xavier Bellamy, Christophe Gomart, Nadine Morano, Paulo do Nascimento Cabral, Francisco José Millán Mon, Susana Solís Pérez, Carmen Crespo Díaz, Vangelis Meimarakis

Proposta għal regolament
Artikolu 80 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Is-sigurtà u r-reżiljenza tal-infrastrutturi ċivili kritiċi, b'mod partikolari kontra t-theddid ibridu;	(a) Is-sigurtà u r-reżiljenza tal-infrastrutturi ċivili kritiċi, ***inklużi l-infrastruttura marittima,*** b'mod partikolari kontra t-theddid ibridu;

Or. en

Emenda 3728
Christophe Clergeau, Jean-Marc Germain, Merja Kyllönen, Nora Mebarek, Thomas Pellerin-Carlin, André Franqueira Rodrigues, Bruno Tobback, Tonino Picula

Proposta għal regolament
Artikolu 80 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Is-sigurtà u r-reżiljenza tal-infrastrutturi ċivili kritiċi, b'mod	(a) Is-sigurtà u r-reżiljenza tal-infrastrutturi ċivili kritiċi, ***inklużi taħt l-***

partikolari kontra t-theddid ibridu;	***ilma u l-portijiet,*** b'mod partikolari kontra t-theddid ibridu;

Or. en

Emenda 3729
Jens Gieseke, David McAllister

Proposta għal regolament
Artikolu 80 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Is-sigurtà u r-reżiljenza tal-infrastrutturi ċivili kritiċi, b'mod partikolari kontra t-theddid ibridu;	(a) Is-sigurtà u r-reżiljenza tal-infrastrutturi ċivili kritiċi, ***inklużi taħt l-ilma,*** b'mod partikolari kontra t-theddid ibridu;

Or. en

Emenda 3730
Nicola Procaccini, Alessandro Ciriani, Elena Donazzan, Pietro Fiocchi, Lara Magoni, Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini

Proposta għal regolament
Artikolu 80 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Is-sigurtà u r-reżiljenza tal-infrastrutturi ċivili kritiċi, b'mod partikolari kontra t-theddid ibridu;	(a) Is-sigurtà u r-reżiljenza tal-infrastrutturi ċivili kritiċi, ***inklużi taħt l-ilma,*** b'mod partikolari kontra t-theddid ibridu;

Or. en

Emenda 3731
Letizia Moratti, Massimiliano Salini, Fulvio Martusciello

Proposta għal regolament
Artikolu 80 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(aa) It-tishiħ, is-sigurtà u r-reżiljenza tal-infrastruttura strateġika tal-enerġija;

Or. en

Emenda 3732
Nicola Procaccini, Alessandro Ciriani, Elena Donazzan, Pietro Fiocchi, Lara Magoni, Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini

Proposta għal regolament
Artikolu 80 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) It-tishiħ, is-sigurtà u r-reżiljenza tal-infrastruttura strateġika tal-enerġija.

Or. en

Emenda 3733
Jüri Ratas, Riho Terras, Sven Mikser, Tobias Cremer

Proposta għal regolament
Artikolu 80 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) It-teknoloġiji, il-kapaċitajiet u s-soluzzjonijiet rilevanti għall-prevenzjoni tal-kriminalità u r-rispons għaliha, b'mod partikolari t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, il-kriminalità organizzata u l-kriminalità ffaċilitata mill-internet	(b) It-teknoloġiji, il-kapaċitajiet u s-soluzzjonijiet***, inkluži miżuri li jsaħħu l-istandardizzazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni, l-interoperabbiltà u l-ittestjar tat-teknoloġiji tas-sigurtà,*** rilevanti għall-prevenzjoni tal-kriminalità u r-rispons għaliha, b'mod partikolari t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, il-kriminalità organizzata u l-kriminalità ffaċilitata mill-internet***;***

Or. en

Emenda 3734
Christophe Clergeau, Jean-Marc Germain, Thomas Pellerin-Carlin, Merja Kyllönen, Nora Mebarek, André Franqueira Rodrigues, Bruno Tobback, Tonino Picula

Proposta għal regolament
Artikolu 80 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
